MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Numru. 1302/2006

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino u Sp Mario Haber)
vs
Stephen Saydon, iben Joseph, imwieled Żurrieq fit-3 ta' ġunju, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-27 ta' ottubru, 2006 f'xi ħin fil-għodu ġewwa Wied iż-Żurrieq, ikkometta serq ta' apparat elettroniku ta' navigazzjoni marittima magħruf bħala 'Global Positioning System' (GPS) minn fuq dagħajsamli kienet għada kif waslet Malta b'numru ta' immigranti llegali liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' persuna/i mhux magħrufa;
2. talli fis-27 ta' ottubru, 2006 u fil-ġranet ta' wara din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ

misruqa, li ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkoatnżi ikkometta ir-reati hawn fuq imsemmija meta bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minħabba il-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-27 ta' ottubru, 2006 dgħajsa bi tlieta u għoxrin klandestin abbord daħlet ġewwa Wied iż-Żurrieq wara d-disgħa ta' fil-għodu.

Illi konsegwenza ta' dan il-fatt diversi skwadri tal-pulizija marru fil-post hawn fuq imsemmi biex jagħtu l-ewwel għajnuna kif ukoll biex jaraw li l-immigranti rregolari ma jħallux il-post imsemmi. Fost il-pulizija li marru hemmhekk kien hemm l-imputat, li hu Pulizija, flimkien ma sħabu mal-'mobile squad'.

Illi wara li l-immigranti ġew skortati għal fuq bus u marru l-kwartieri tal-pulizija, daħlet informazzjoni li minn fuq id-dgħajsa li kien hemm ġewwa Wied iż-Żurrieq insteraq 'fuel', 'life jackets' u xi telefons cellulari.

Illi fil-kors ta' l-investigazzjonijiet li saru daħlet informazzjoni li l-imputat seta' ħa xi telefon cellulari li wara rrizulta li kien apparat tal-"GPS". L-imputat ċaħad dan il-fatt iżda ġie arrestat u rrilaxxa tlett stqarrijiet lis-superjuri tiegħu senjatament fis-27 ta' ottubru, 2006, fl-1 ta' novembru, 2006 u fit-2 ta' novembru, 2006. Jirrizulta li fit-tielet stqarrija li hu rrilaxxa hu ammetta li kien hu li ta l-

"GPS" lil ċertu Mario Farrugia. Għandu jiġi rilevat li fil-kors tax-xhieda tiegħu fil-mori ta' din il-kawża hu ċaħad li seraq dan l-apparat u iġġustifika l-asserzjoni tiegħu billi xehed li kien taħt pressjoni u ammetta biex jeħles.

Illi indipendentement minn dan il-fatt jirrizulta li dan l-apparat instab għand Mario Farrugia li għadda proċeduri kriminali u ġie ikkundannat għas-serq ta' dan il-"GPS". Mario Farrugia offra x-xhieda tiegħu u fil-kors ta' din il-kawża hu ċaħad li dan l-apparat tahulu l-imputat. Hu xehed li kien ħa dan il-"GPS" minn fuq il-blat.

Illi l-prosekuzzjoni resqet lil Sander D'Amato biex joffri x-xhieda tiegħu. Din il-persuna qalet bil-ġurament tagħha li hi kkonsenjat dan l-apparat li kien fuq il-blat lill-pulizija. Dan il-pulizija ma kienx l-imputat iżda persuna oħra.

Illi meta wieħed janalizza x-xhieda kollha prodotti f'din il-kawża jirrizulta li hemm konflitt evidenti fix-xhieda. L-imputat, bil-ġurament tiegħu, ċaħad li hu ħa dan l-apparat. Mario Farrugia ċaħad li l-imputat tah dan l-apparat u Sander D'Amato xehed li hu ta dan l-apparat lill-terz li mhux l-imputat. Illi tali konflitt għandu jmur favur l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu minħabba konflitt fil-provi prodotti u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------